

## ANNEX V

### Id-DPM u r-regoli ta' validazzjoni

#### Parti I: Mudell uniku tal-punti ta' *data*

L-entrati tad-*data* kollha stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu ttrasformati f' mudell uniku tal-punti ta' *data*, li huwa l-bażi għal sistemi tal-IT uniformi tal-istituzzjonijiet u tal-awtoritajiet kompetenti.

Il-mudell uniku tal-punti ta' *data* għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- (a) Jipprovdi rappreżentazzjoni strutturata tal-entrati tad-*data* kollha stabbiliti fl-Anness I;
- (b) Jidentifika l-kunċetti ta' negozju kollha stabbiliti fl-Anness II;
- (c) Jipprovdi dizżjunarju tad-*data* li jidentifika t-tikketti tat-tabelli, it-tikketti ordinati, it-tikketti tal-assi, it-tikketti tad-dominji, it-tikketti tad-dimensjonijiet u t-tikketti tal-membri;
- (d) Jipprovdi metrika li tiddefinixxi l-proprjetà jew l-ammont ta' punti ta' *data*;
- (e) Jipprovdi definizzjonijiet ta' punti ta' *data* li huma espressi bħala kompożizzjoni ta' karatteristiċi li jidentifikaw il-kunċett b' mod univokali;
- (f) Ikun fih l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti kollha li huma neċessarji għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għar-rapportar bl-IT li jipproduċu *data* superviżorja uniformi.

#### Parti II: Regoli ta' validazzjoni

L-entrati tad-*data* stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dawn il-Linji Gwida għandhom ikunu soġġetti għal regoli ta' validazzjoni li jiżguraw il-kwalità u l-konsistenza tad-*data*.

Ir-regoli ta' validazzjoni għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- (a) Jiddefinixxu r-relazzjonijiet loġiċi bejn punti ta' *data* rilevanti;
- (b) Jinkludu filtri u prekondizzjonijiet li jiddefinixxu sett ta' *data* li għalih tapplika regola ta' validazzjoni;
- (c) Jivverifikaw il-konsistenza tad-*data* rrapportata;
- (d) Jivverifikaw l-akkuratezza tad-*data* rrapportata;
- (e) Jistabilixxu valuri prestabbiliti, li għandhom jiġu applikati meta l-informazzjoni rilevanti ma tkunx ġiet irrapportata.